PARLAMENT EWROPEW 2009 – 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2011/2067(INI)**

20.4.2011

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda
(2011/2067(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Regina Bastos



*Magħquda fid-diversità*

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................9

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda**
**(2011/2067(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2010 dwar Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi (COM(2010)0682),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tat-8 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri: It-Tieni Parti tal-Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020[1],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u l-apprendistat[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar kuntratti atipiċi, karrieri professjonali sikuri u forom ġodda ta' djalogu soċjali[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar l-iżvilupp tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' ekonomija sostenibbli ġdida[5],

– wara li kkunsidra it-Tbassir fuq Żmien Medju sal-2020: Id-disponibilità tal-ħiliet u d-domanda għalihom fl-Ewropa, Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali, 2010[6],

– wara li kkunsidra l-ftehim ta' qafas tal-25 ta' Marzu 2010 dwar swieq tax-xogħol inklużivi, iffirmat mill-EUTC, BUSINESSEUROPE, UEAPME u CEEP,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 dwar Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv (COM(2010)2020),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-12 ta' Jannar 2011 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi (COM(2011)0011), u l-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi anness magħha,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2011 dwar ir-Reviżjoni tal-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa (COM(2011)0078),

[1] Testi adottati, P7_TA(2010)0309.
[2] ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46.
[3] Testi adottati, P7_TA(2010)0262.
[4] Testi adottati, P7_TA(2010)0263.
[5] Testi adottati, P7_TA(2010)0299.
[6] Pubblikazzjonijiet Cedefop, ISBN 978-92-896-0536-6.

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2010 dwar il-konklużjonijiet tal-ħames rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: il-futur tal-politika ta' koeżjoni (COM(2010)0642),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0000/2011),

A. billi l-qgħad globali fl-Ewropa attwalment jaffettwa 23.1 miljun ruħ; billi l-qgħad taż-żgħażagħ bħalissa huwa ta' 20.4% u l-qgħad fuq żmien fit-tul qed ikompli jikber,

B. billi, minħabba l-kriżi ekonomika tal-2008, is-setturi primarji u tal-manifattura tilfu aktar impjiegi milli kien mistenni u għadu mbassar li jitilfu madwar 2.5 miljun impjieg sal-2020,

C. billi s-settur tas-servizzi, bħall-bejgħ, is-sigurtà, it-tindif, il-catering u l-assistenza soċjali, għadu mistenni li jkollu l-akbar żieda fl-impjiegi minn issa sal-2020 u jista' jkun is-settur bl-akbar tkabbir,

D. billi t-tibdil fix-xejriet tal-impjiegi fis-setturi naturalment jinfluwenza x-xejriet tal-impjieg għall-professjonijiet u l-livelli ta' kwalifiki meħtieġa,

E. billi l-ħaddiema mingħajr edukazzjoni universitarja huma f'riskju akbar li jitilfu l-impjieg,

F. billi s-sostenibilità fit-tul tat-taħriġ u tal-edukazzjoni ogħla jiddependu fuq diversi fatturi, bħall-qagħda tal-finanzi pubbliċi u l-perċezzjonijiet individwali,

G. billi l-għadd ta' impjiegi li jirrikjedu kwalifiki ogħla huwa mistenni li jogħla,

H. billi l-migrazzjoni fi ħdan l-UE, kif ukoll lejha u 'l barra minnha, se tinfluwenza dejjem aktar fil-ġejjieni id-daqs u l-għamla tal-popolazzjoni li taħdem fl-Istati Membri u għandha implikazzjonijiet importanti għad-domanda u l-provvista tal-ħiliet,

I. billi ekonomija sostenibbli għandha l-potenzjal li żżid l-għadd ta' impjiegi diċenti u li tikkontribwixxi għall-irkupru tal-ekonomija Ewropea,

J. billi l-UE għadha tinvesti anqas fir-riċerka u fl-edukazzjoni mis-sħab u l-kompetituri ekonomiċi dinjija tagħha; billi jinħtieġu investimenti kbar fl-ekonomija tal-għarfien,

**L-isfidi għall-politika tal-impjiegi**

1. Ifakkar li, fl-Istrateġija Ewropa 2020, l-Istati Membri qablu dwar objettiv ta' impjiegi ta' 75% għall-grupp tal-età bejn l-20 u l-64 sal-2020; jistieden lill-partijiet kollha interessati jżidu l-isforzi tagħhom biex l-Istrateġija Ewropa 2020 tkun suċċess;

2. Jirrimarka li r-rata ta' impjieg hija marbuta mill-qrib mar-rendiment ekonomiku;

jirrakkomanda bil-qawwa li l-Istati Membri jsegwu l-linji gwida għall-politiki tal-impjieg flimkien mal-linji gwida ġenerali dwar il-politika tal-impjieg;

3. Jappella biex ikun hemm koordinazzjoni mtejba tal-politiki ekonomiċi bejn l-Istati Membri sabiex jiġi evitat li jkun hemm kompetizzjoni inġusta u tgħawwiġ tas-suq; iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrispettaw ir-regoli dwar id-dixxiplina baġitarja sabiex jitnaqqas ir-riskju li jispiċċaw f'deficit eċċessiv, u jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq sorveljanza baġitarja effettiva;

4. Jappoġġja l-inizjattiva emblematika tal-Kummissjoni fl-Istrateġija Ewropa 2020 li twettaq qalba għal ekonomija sostenibbli;

5. Ifakkar li l-kombinazzjoni tal-bidla demografika u ta' bidliet fil-ktajjen tal-produzzjoni tirrikjedi strateġiji aħjar ta' impjieg, edukazzjoni u organizzazzjoni tax-xogħol sabiex tkabbar kemm jista' jkun il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, tnaqqas kemm jista' jkun it-telf tal-kapital uman, u toħloq possibilitajiet ġodda ta' xogħol;

6. Jenfasizza li l-arranġamenti nazzjonali tal-flessigurtà jridu jissaħħew u jiġu adatti għall-kuntesti soċjoekonomiċi ġodda ta' kull Stat Membru individwali, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm suq tax-xogħol flessibbli u attiv, taħriġ effettiv u sistemi tas-sigurtà soċjali sikuri; iwissi kontra soluzzjonijiet li jkunu "ugwali għal kulħadd";

7. Jiddispjaċih li għal ħafna ħaddiema r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja għadha sfida diffiċli; jistieden lill-Istati Membri jagħtu lill-ġenituri kollha, speċjalment lill-familji b'ġenitur wieħed, opportunitajiet għall-integrazzjoni mhux biss fil-ħajja tax-xogħol iżda wkoll fil-proċessi tat-tagħlim tul il-ħajja;

**Tweġibiet**

***Il-garanzija tad-disponibilità ta' forza tax-xogħol kwalifikata***

8. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tipproduċi Panorama ta' Ħiliet tal-UE u li tirriforma n-netwerk tas-Servizzi Ewropej tal-Impjiegi (EURES) biex tiżdied it-trasparenza għal min ifittex ix-xogħol;

9. Jappella biex ikun hemm monitoraġġ aħjar tad-domanda futura għall-ħiliet fl-Ewropa u għat-traspożizzjoni immedjata tar-riżultati fil-politiki tal-edukazzjoni u tat-tagħlim ta' tul il-ħajja tal-Istati Membri; iqis li "alleanza ta' tagħrif" li ġġib flimkien l-istituzzjonijiet tan-negozju u tal-edukazzjoni tkun strument utli biex jiġu indirizzati l-innovazzjoni u n-nuqqasijiet ta' ħiliet;

10. Jiddispjaċih li l-għadd ta' dawk li jħallu l-edukazzjoni kmieni għadu għoli, jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw politiki li jevitaw li jkun hemm minn iħalli l-iskola kmieni u li joffru alternattivi ta' tagħlim u taħriġ lill-istudenti b'diffikultajiet fit-tagħlim;

11. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tippromwovi ċentri Ewropej ta' eċċellenza fi ħdan speċjalizzazzjonijiet akkademiċi ġodda għall-impjiegi tal-ġejjieni;

12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jintegraw il-kompetenzi tal-ICT, il-litteriżmu diġitali u l-kompetenzi trasversali importanti bħall-komunikazzjoni bil-lingwi barranin, kif ukoll l-imprenditorija, fit-taħriġ vokazzjonali tagħhom u fil-politiki tat-tagħlim ta' tul il-ħajja;

13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw sistema duwali ta' edukazzjoni/taħriġ sabiex iż-żgħażagħ jiġu introdotti għas-suq tax-xogħol minn stadju bikri; barra minn hekk, jistieden lill-partijiet interessati rilevanti jiżguraw li t-traineeships u l-apprendistat iwasslu għall-ħolqien ta' imjiegi ġodda;

14. Iqis li jeħtieġ li jittejjeb l-għarfien reċiproku tal-kompetenzi, diplomi u ħiliet fil-livell tal-UE, bl-istess għarfien jiġi estiż għall-ħaddiema li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi;

*Il-promozzjoni tad-domanda għall-ħolqien ta' xogħol u impjieg*

15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jistimulaw il-ħolqien ta' impriżi ta' daqs żgħir u medju, jipprovdulhom ambjent regolatorju favorevoli u jtejbulhom l-aċċess għall-finanzjamenti; ifakkar li 85% tal-impjiegi fl-UE huma bis-saħħa tal-SMEs; iħeġġeġ lill-partijiet interessati rilevanti jneħħu l-ostakoli għall-ħolqien tan-negozju u għall-moviment ħieles tiegħu;

16. Iqis li sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment ħieles tal-ħaddiema is-suq waħdieni mingħajr barrieri u kompetittiv irid jitlesta; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu mill-qrib mas-sħab soċjali u jinkuraġġixxu l-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-esperjenzi f'dan il-qasam;

17. Jikkundanna bil-qawwa ix-xogħol mhux iddikjarat li jipperikola kemm lis-soċjetà kif ukoll lill-ħaddiema; jistieden lill-Istati Membri jwettqu kontrolli regolari u jniedu kampanji ta' informazzjoni sabiex iqajmu kuxjenza dwar l-iżvantaġġi fuq żmien fit-tul għall-ħaddiema impjegati fl-ekonomija s-sewda;

18. Iqis li s-settur tal-kura tas-saħħa għandu rwol kritiku fl-ilħuq tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020; barra minn hekk, iqis li, minħabba l-bidla demografika, is-settur tas-saħħa u tal-assistenza soċjali huwa għajn importanti ta' impjieg, li l-importanza tiegħu x'aktarx li se tikber; jistieden lill-Kummissjoni tniedi studju dwar l-assistenti tal-kura impjegati fid-dar tal-klijent sabiex jiġi stabbilit jekk il-leġiżlazzjoni tal-UE tagħtix biżżejjed protezzjoni soċjali għal din il-kategorija ta' ħaddiema;

19. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lis-sħab soċjali u lil partijiet interessati oħra jiżguraw li jkun hemm użu effiċjenti tal-fondi tal-UE, bħall-FSE, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, u strumenti bħall-Faċilità ta' Mikrofinanzjament, għall-ħolqien tal-impjiegi;

*It-titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol*

20. Jinnota li l-politiki ta' flessigurtà jinsabu fil-qofol tal-Aġenda, u jaqsam mal-Kummissjoni l-fehma li l-kriżi poġġiet fi prova serja l-arranġamenti nazzjonali ta' flessigurtà;

21. Jisħaq, madankollu, li l-flessigurtà waħedha ma tistax tirrimedja l-kriżi, u jistieden lill-

Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jagħtu attenzjoni speċjali lill-ħaddiema minn gruppi żvantaġġjati, bħaż-żgħażagħ, ħaddiema bi ftit kwalifiki u ħaddiema b'diżabilità;

22. Jemmen li, bl-impuls ġdid tal-bidliet soċjali u ekonomiċi, l-erba' komponenti tal-flessigurtà – l-arranġamenti kuntrattwali flessibbli u affidabbli, il-politiki tas-suq tax-xogħol attivi, it-tagħlim ta' tul il-ħajja, u s-sistemi moderni tas-sigurtà soċjali – u l-bilanċ bejniethom għandhom jiġu riveduti u msaħħa;

*Il-promozzjoni ta' swieq tax-xogħol inklużivi*

23. Jenfasizza li, sabiex l-Ewropa toħroġ aktar b'saħħitha mill-kriżi ekonomika u sabiex issir aktar kompetittiva u konverġenti, b'livelli ogħla ta' tkabbir, u sabiex is-sistemi soċjali tagħna jkunu fiż-żgur għal żmien fit-tul, hija teħtieġ li tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal tal-forza tax-xogħol tagħha;

24. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li titnaqqas is-segmentazzjoni u li tittejjeb l-inklużjoni tas-suq tax-xogħol sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet tal-gruppi żvantaġġjati li jidħlu u jagħmlu progress fis-suq tax-xogħol;

25. Jenfasizza l-importanza li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jiġu integrati fl-implimentazzjoni tal-Aġenda, kif ukoll fl-aspetti kollha tal-Istrateġija Ewropa 2020;

26. Jenfasizza l-importanza li l-qgħad fost iż-żgħażagħ jiġi indirizzat bħala kwistjoni ta' prijorità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom li jrawmu l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, inkluż l-għoti ta' inċentivi għaż-żgħażagħ u għal min iħaddem; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza kruċjali li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, kif ukoll li tiġi mbassra minn qabel il-ħtieġa ta' ħiliet, li jittejbu l-ħiliet offruti u li d-domanda għall-ħiliet tiġi mqabbla bil-provvista tagħhom;

27. Jenfasizza li l-politiki li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, tal-familja u tal-ħajja privata jistgħu jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni akbar tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol;

*It-titjib tal-kwalità tal-impjiegi u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol*

28. Iqis li l-ħidma għall-ilħuq tal-objettiv ta' impjieg għal kulħadd trid tkun ikkumplimentata bi sforzi msaħħa biex tittejjeb il-kwalità tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tal-impjegati kollha;

29. Iqis li l-kwalità tal-impjiegi trid tiġi promossa bħala kunċett multidimensjonali, li jkopri kemm ir-relazzjonijiet tal-impjiegi u x-xogħol innifsu; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tirrevedi d-definizzjoni u l-indikaturi komuni tal-UE tal-kwalità tal-impjieg, u biex tagħmilhom aktar operazzjonali fir-rigward tal-evalwazzjoni u tal-benchmarking tal-politiki tal-Istati Membri;

30. Jenfasizza l-importanza li l-isforzi tal-partijiet interessati jiġu integrati sabiex tittejjeb il-kwalità tal-impjiegi u l-użu ta' strumenti ta' politika adegwati, inkluża l-leġiżlazzjoni,

il-koordinazzjoni tal-politiki, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-ftehimiet awtonomi tas-sħab soċjali;

31. Iqis li l-protezzjoni soċjali adegwata għandha tkun fil-qofol tal-kwalità tal-impjiegi u, għaldaqstant, anke tal-kunċett tal-kwalità tal-impjiegi;

32. Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tikkonkludi l-attivitajiet preleġiżlattivi tagħha u tressaq il-proposti leġiżlattivi mħabbra fl-Aġenda, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ l-eżitu tal-istudju tal-impatt ekonomiku u soċjali tagħha u l-awtonomija tas-sħab soċjali; jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni li tirrevedi l-effettività tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-kwalità tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, filwaqt li tqis żviluppi li saru;

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali li bħalissa qed taffettwa lill-Ewropa wriet id-dgħjufijiet tal-mudell ekonomiku u soċjali Ewropew, u ġabet fix-xejn ċerti aspetti tal-progress li kien miksub qabel.

Minn meta l-ewwel effetti tal-kriżi bdew jinħassu fis-swieq tax-xogħol fl-2008, l-Ewropa tilfet 5.6 miljun impjieg.

Bħalissa hemm 23 051 000 nies qiegħda fl-UE, li jissarrfu f'9.5% tal-popolazzjoni attiva, u dan għandu konsegwenzi gravi għat-tkabbir u għas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Ewropa.

Ta' tħassib ukoll huma d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom uħud minn dawk li jħaddmu meta jiġu biex jimpjegaw staff ġdid, speċjalment għal impjiegi bi kwalifiki għolja. Anke matul il-kriżi, uħud minn dawk li jħaddmu kienu qed isibuha diffiċli li jsibu nies b'kwalifiki adatti għall-postijiet li riedu jimlew.

Jekk jissaħħaħ il-kapital uman u l-kapaċità li wieħed jimpjega ruħu billi l-kwalifiki jiġu aġġornati jkun ifisser li l-Ewropa titpoġġa fit-triq biex tirkupra.

Jeħtieġ li noffru lin-nies l-inċentivi tajba biex ngħinuhom jaġġornaw il-ħiliet tagħhom, li l-edukazzjoni u t-taħriġ nartikulawhom aktar qrib ix-xogħol, li niżviluppaw taħlita adegwata ta' ħiliet u nbassru b'mod aktar effettiv liema kwalifiki se jkunu meħtieġa fil-ġejjieni biex jiġu żgurat li jkun hemm relazzjoni aħjar bejn id-domanda u l-provvista fis-suq tax-xogħol[1].

L-Istati Membri ffissaw objettiv ambizzjuż ta' rata ta' impjieg ta' 75% għall-grupp tal-età bejn l-20 u l-64 sal-2020.

L-UE kapaċi tirrispondi għal din l-isfida u għandha l-potenzjal li ttejjeb ir-rati ta' impjieg b'mod sostanzjali.

F'Novembru 2010 l-Kummissjoni adottat abbozz ta' komunikazzjoni bit-titolu 'Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi'.

Din l-'aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda' hija parti mill-Istrateġija Ewropa 2020, li tirrappreżenta l-kontribut tal-Kummissjoni biex jintlaħaq l-objettiv ambizzjuż tal-Istati Membri ta' impjieg ta' 75% għall-grupp tal-età bejn l-20 u l-64 sal-2020.

Bil-għan li jintlaħaq dan l-objettiv, il-Kummissjoni qed tipproponi azzjoni bbażata fuq erba' prijoritajiet:

- aktar riforma fis-suq tax-xogħol immirata biex tinkiseb kemm aktar flessibilità kif ukoll aktar sigurtà ('flessigurtà');
- inċentivi adegwati għall-individwi u għall-kumpaniji biex jgħinuhom jinvestu fit-taħriġ u biex jiġi żgurat li l-ħiliet tal-ħaddiema jkunu aġġornati kontinwament biex ikunu

[1] Dwar il-kwistjoni tal-provvista u tad-domanda fir-rigward tal-kapaċitajiet fl-Ewropa, ara: 'Skills supply and demand in Europe. Medium-term forecast up to 2020', il-Lussemburgu, 2010: http://www.cedefop.europa.eu/EN/Files/3052_en.pdf

konformi mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

- proposti li jridu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni bil-għan li jiġi żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti filwaqt li titjieb ukoll il-kwalità tal-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol: se jkun hemm reviżjoni tad-Direttiva dwar il-ħinijiet tax-xogħol, kif ukoll inizjattiva leġiżlattiva biex ittejjeb id-direttiva dwar l-impjieg (temporanju) ta' ħaddiema;

- azzjoni biex tiżgura li jkun hemm kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li jiffaċilitaw il-ħolqien ta' impjiegi, fost l-oħrajn, billi jitnaqqsu l-piżijiet u t-taxxi amministrattivi li għandhom x'jaqsmu max-xogħol u mal-mobilità, filwaqt li jitfakkar li dan huwa aspett b'importanza speċjali għas-setturi li għaddejjin minn bidla mgħaġġla, pereżempju dawk ikkaratterizzati minn użu intensiv tar-R&Ż.

Ir-rapporteur, filwaqt li taqbel mal-approċċ tal-Kummissjoni, temmen li hemm lok għal titjib, speċjalment fir-rigward ta' li ġej:

- it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u tal-burokrazija għall-SMEs sabiex jinħolqu l-impjiegi;

- ir-rati ta' dawk li jħallu l-edukazzjoni kmieni, filwaqt li tfakkar li huma l-Istati Membri li jridu jieħdu azzjoni preventiva u joffru lill-istudenti alternattivi fil-qasam tat-taħriġ u tal-apprendistat;

- miżuri biex jittejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

- monitoraġġ aħjar u antiċipazzjoni tal-ħiliet meħtieġa għall-ġejjieni, biex b'hekk ikunu jistgħu jitqabblu aktar mal-provvista u biex l-iżvilupp tal-ħiliet jiġi orjentat f'termini ta' prospetti msaħħa għal impjieg matul il-ħajja kollha;

- miżuri maħsuba għaż-żgħażagħ bil-għan li dawn jiġu integrati fis-suq tax-xogħol anke qabel ma jkunu lestew l-edukazzjoni formali, b'mod partikulari permezz ta' traineeships li jwasslu għal opportunitajiet ġodda ta' xogħol;

- il-ħtieġa li jissaħħew ir-regoli dwar il-flessigurtà u li jiġu adatti għall-kuntest soċjoekonomiku ta' kull Stat Membru, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm suq tax-xogħol flessibbli, politiki proattivi relattivi għas-suq, tagħlim ta' tul il-ħajja u sistemi moderni tas-sigurtà soċjali;

- il-ħtieġa li tittejjeb id-direttiva dwar it-trasferiment temporanju ta' ħaddiema, bil-għan li titnaqqas il-burokrazija u jissolvew kwistjonijiet ta' taxxa doppja, sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

- il-ħtieġa ta' progress akbar fir-rigward tal-għarfien reċiproku tal-kwalifiki bejn l-UE u pajjiżi terzi;

- kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u d-dinja tan-negozju.

Jekk għandna l-għan li nfasslu politiki effettivi għall-impjieg, edukazzjoni u t-taħriġ u li niffaċilitaw l-għażliet individwali tal-karriera, jeħtieġ li ntejbu l-kapaċità tal-Istati Membri u

tal-Unjoni li jbassru u jantiċipaw in-natura tal-ħiliet tal-ġejjieni u niżguraw li jkunu konformi mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.